MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 14/2024 LM

**Joseph Grech (K.I. numru 179441(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur tas-Servizzi Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Grech (K.I. Nru. 179441(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2024, numru 195/2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru maħtur skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-

appell tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat **id-Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'].

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tad-19 ta' Diċembru, 2023, li permezz tagħha ma laqgħax l-applikazzjoni tal-appellant għall-Għajnuna Medika (SKA), għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-istess appellant ma kienx ċaħħad lilu nnifsu mill-kapital sabiex b'hekk ikkwalifika għall-Għajnuna Medika.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant appella quddiem l-Arbitru mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat fil-15 ta' Jannar, 2024.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-8 ta' Marzu, 2024, fejn irrileva li l-appell tal-appellant ma kien qiegħed iqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u għalhekk kellu jiġi miċħud.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra s-segwenti:***
>
> *Dan huwa appell ta' Joseph Grech minn deċiżjoni tad-DSS datata 19.12.23 fejn id-DSS informa lill-appellant illi ma kienx intitolat għal għajnuna medika peress illi d-direttur ma kienx soddisfatt illi l-appellant ma ċaħħadtx lilu nnifsu minn kapital;*

*Id-DSS irrisponda fis-sens illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 9 ta' Frar 2018, l-appellant u martu taw b'titolu ta' donazzjoni erba' proprjetajiet lil uliedhom Jason u Noel Grech. Id-DSS spjega li* ai fini *ta' kapital f'dan il-każ ġew meħuda biss in konsiderazzjoni żewġ garaxxijiet (mill-erba' proprjetajiet) li flimkien jammontaw għal Euro 166,500 li ġew ittrasferiti mill-istess appellanti u martu fuq titolu ta' donazzjoni lil Noel Grech.*

*Il-*maisonette *u l-garaxx anness miegħu ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni ai fini ta' kalkolu ta' kapital tal-appellant għaliex dik kienet u baqgħet r-residenza tal-appellant u martu fejn huma żammew wkoll l-użufrutt fuqhom;*

*Illi d-DSS eżebixxa l-kuntratt ta' donazzjoni flimkien ma'* tax profile *tal-appellant mit-*Tax Compliance Unit.

***Ikkunsidra ulterjorament:***

*Illi jirriżulta biċ-ċar illi effettivament l-appellant ddispona b'titolu ta' donazzjoni a favur it-tfal tiegħu ta' numru ta' proprjetajiet inkluż żewġ garaxxijiet (li ma jiffurmawx parti mir-residenza tiegħu) li flimkien qua* nuda *proprjetà jiswew Eur 166,500 (skont il-valur mogħti lilhom fuq il-kuntratt ta' donazzjoni) u żamm ukoll l-użufrutt fuq l-istess garaxxijiet. Għalhekk jirriżulta illi jekk l-appellant kellu jiddisponi minn dawn iż-żewġ proprjetajiet kien jirċievi valur li jmur ħafna lilhinn minn dak l-ammont ikkonsentit li wieħed ikollu bħala kapital sabiex jibqa' jibbenefika mill-benefiċċju odjern u għalhekk l-Arbitru jaqbel mad-deċiżjoni tad-DSS f'dan ir-rigward.*

*Għalhekk l-appell qed jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata qed tiġi kkonfermata."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Ottubru, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) l-Arbitru applika ħażin il-liġi; u (b) l-Arbitru naqas milli japplika d-dispożizzjonijiet tas-subinċiż (ii) tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat għażel li ma jweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Wara li jagħti sinteżi fil-qosor tal-fatti kif ġraw, l-appellant jissottometti li l-ewwel aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru applika ħażin il-liġi. Jirrileva li mill-kopji tal-kuntratt ta' donazzjoni esebit fl-atti, jirriżulta li huwa jgawdi biss konċessjoni temporanja fir-rigward taż-żewġ garaxxijiet, u għalhekk wara t-termini stabbilit dawn kellhom jiġu rilaxxjati favur is-sid li fil-każ odjern huwa l-Gvern ta' Malta. Jirrileva wkoll li l-imsemmija garaxxijiet ilhom għal bosta snin okkupati mit-tfal tiegħu sabiex dawn jeżerċitaw il-professjoni relattiva tagħhom. L-appellant jgħid li b'hekk il-valur tagħhom għandu jirrifletti l-fatt li l-fondi jikkonsistu f'garaxxijiet soġġetti għall-konċessjoni temporanja, u li bħalissa jinsabu okkupati. Jispjega li dawn ma setgħu qatt għalhekk jinbiegħu lil terzi u l-uniku trasferiment permissibbli kien proprju dak ta' donazzjoni lill-istess okkupanti tal-garaxxijiet, li huma wliedu stess. Huwa jikkontendi li għalhekk huwa ma kienx ċaħħad lilu nnifsu minn xi kapital li wara kollox lanqas seta' jitqies bħala kapital. L-appellant jgħid li t-tieni aggravju tiegħu fil-konfront tad-deċiżjoni appellata, huwa li l-Arbitru naqas li japplika d-dispożizzjonijiet tas-subinċiż (ii) tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318. Jirrileva li l-kuntratt ta' donazzjoni kien ġie ppubblikat fid-9 ta' Frar, 2018, u d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali ittieħdet fid-19 ta' Diċembru, 2023. Huwa jiċċita d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subinċiż, u jikkontendi li fil-każ odjern id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ttieħdet ferm wara s-sentejn (2) minn meta d-Direttur Ġenerali appellat seta' kien jaf li kien hemm ħlas żejjed.

10. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tal-appellant, il-Qorti tikkunsidra li l-valur taż-żewġ garaxxijiet ġie ddikjarat fl-att ta' donazzjoni stess, u għalhekk l-appellant ma jistax jikkontestah b'suċċess quddiem din il-Qorti. L-appellant jirrileva li l-imsemmija żewġ garaxxijiet bilkemm setgħu jiġu kkunsidrati bħala kapital, iżda il-Qorti tgħid li l-valur indikat fl-att ta' donazzjoni appena msemmi juri mod ieħor, u għalhekk l-argument tiegħu ma jreġiex. B'hekk hija ma ssibx l-ewwel aggravju tiegħu ġustifikat, u tiċħdu.

11. Il-Qorti tikkunsidra li wkoll it-tieni aggravju tal-appellant mhux ġustifikat. Tirrileva li l-artikolu 102 tal-Kap. 318 jittratta l-ħlas lura ta' dak li tħallas mingħajr l-ebda dritt għalih, iżda dan mhux il-każ f'dawn il-proċeduri fejn id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat kienet għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant għall-għoti ta' Għajnuna Medika.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**